MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## SAVIOUR DEMICOLI

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2005

Numru. 788/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Bond)**

**vs**

**Charmaine Abela**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Charmaine Abela, mart Raymond u bint Tarcisio Darmanin u Josephine mitwielda Grech, imwielda Pieta` fil-15/01/1972, u toqghod "Niagara", Triq ic-Cili, Naxxar I.D. 0090772(M) giet akkuzata:

Talli fit-22 ta' Lulju, 2004 ghall-habta tas-1.00pm, waqt li kienet fi Pjazza Rotunda, Mosta, ikkagunat hsara

voluntarja fuq karozza li ggib numru RKS 003 t'ghamla Peugeot 206 ta' kulur iswed liema hsara taccedi l-LM50 izda` nqas minn LM500 u dan ghad-dannu Maria Concetta Abela.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok. PB 3 u nnutat li l-imputata m'ghandhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet trattazzjoni.

Il-Qorti hi tal-fehma li din il-kawza hi ippernjata fuq kwistjoni ta' kredibilita` ta' xhieda.

Issa fil-kawza in disamina il-verzjoni moghtija mill-imputata Charmaine Ablea hi konfliggenti mal-verzjoni moghtija mix-xhud Raymond Abela.  Il-Qorti allura trid tiddeciedi jekk kienx hemm dak il-konflitt ta' provi li a bazi tieghu ghandha necessarjament tasal ghall-konkluzjoni li kien hemm dubju ragjonevoli dwar jekk il-prosekuzzjoni kinitx ippruvat il-kaz taghha ossia l-htija ta' l-imputata skond l-imputazzjoni migjuba kontra taghha.

Il-Qorti trid tara jekk l-assjem tal-provi hu tali li a bazi tieghu hi tista' ragjonevolment u b'konvinciment morali trankwill ghall-ahhar tasal ghall-konkluzjoni li ma temminx dak li qeghda issostni l-imputata u ssib li l-provi jwasslu inekwivokabbbilment ghall-htija ta' l-imputata.

F'dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghas-Sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fl-ismijiet: "Il-Pulizija versus Salvu Pullicino" per Onor. Imhallef Dr W. Harding datata 14 ta' Marzu, 1949 fejn dik il-Qorti riteniet illi id-diportament tax-xhieda waqt id-deposizzjoni taghhom huwa fattur importanti biex il-Qorti taghti l-kredibilita` taghha favur il-verzjoni ta' parti wahda jew l-ohra meta jkun hemm konflitt ta' provi.

Mill-atti tal-kawza jirrizulta b'mod car illi il-vettura Reg. No. RKS 003 tal-marka Peugeot fiha grif (Ara Dok AR 1, a fol. 33 tal-Process – ritratti). Id-data indikata fuq dawn ir-ritratti hi 22/7/2004 liema data hi l-istess jum li skond l-akkuza migjuba kontra l-imputata sehh l-allegat reat.

Il-Qorti hawn taghmel referenza ghas-segwenti bran mill-okkorrenza tal-Pulizija Dok SA 1:
"Compl. reported taht <u>whilst he was going for the Local Council Tribunal</u> for traffic tickets at 1310 hrs he was in the panoramic lift of the Civic Centre which has a view on the parking area of pjazza tar-Rotunda, were he saw his ex-wife Charmaine Abela scratching his vehicle RKS 003 which was parked thereat near the busstop". (Sottolinjar tal-Qorti).

Ix-xhud PS 1174 Adrian Sciberras (Seduta tad-9/11/2004) *inter alia*, qal: "Nixtieq nghid illi Raymond Abela kien gie ghamel Rapport l-Ghassa li huwa <u>waqt li kien tiela' fil-*lift* tat-Tribunal tal-Mosta</u>, dan il-*lift* huwa *panoramic* u ghalhekk wiehed jista' jara barra. Huwa qal illi waqt li kien qieghed tiela' mil-*lift* huwa ra lill-imputata li kienet qieghda tigriflu l-karrozza tieghu li kienet qieghda pparkjata dina l-karrozza gewwa l-*parking lot* fil-Mosta." (Sottolinjar tal-Qorti).

Ix-xhud Raymond Abela (Seduta tad-19 ta' April, 2005), *inter alia*, qal: "Nixtieq hawnhekk nippreciza <u>li jiena u niezel mil-lift tal-Kunsill Lokali</u> biex immur l-ufficcju tan-Naxxar nghid dan huwa lift tal-hgieg u li minnu tara kollox u rajt lill-imputata thares imbaghad innutajt u rajtha li kienet qeghda hdejn il-karozza RKF 003, rajtha taghmel movement xi haga b'idejha u dan ghamlitu mal-genb ta' din il-karozza u dan jigi n-naha tax-xellug tal-karozza". (Sottolinjar tal-Qorti).

In kontro-ezami l-imsemmi xhud Raymond Abela (Seduta tad-19 ta' April, 2005), *inter alia*, qal: "Qed nigi mistoqsi mid-difiza in kwantu ghar-rapport li jien ghamilt lill-pulizija u dan id-difiza qed ticcitali minn fol 17 tal-process u precizament minn Dok SA 1 li hija l-okkorenza tal-pulizija, b'referenza ghal fatt illi skond din l-okkorenza jiena

rrapurtajt li waqt li jien kont sejjer it-Tribunal tal-Kunsill Lojali ghal traffic offence ticket, fis-siegha u ghaxra (1.10) illi jien kont qieghed fil-panoramic lift tas-Civic Centre illi ghandu veduta li taghti ghal fuq il-parking area tar-Rotunda fejn jien rajt lill-ex mara tieghi Charmaine Abela tobrox il-vettura RKF 003. waqt li qed nigi mistoqsi li llum jien tajt verzjoni differenti u cioe` meta ghidt illi jien kont niezel dan il-lift u kont sejjer in-Naxxar biex ingib il-flus id-difiza qed tistaqsini allura liema hija l-verzjoni korretta minn dawn it-tnejn. Nghid illi jekk niftakar sew il-verzjoni korretta hija dik illi xhedt jien illum u cioe` meta jiena kont niezel bil-lift panoramiku illi indunajt bl-imputata tobrox il-karozza."

Il-Qorti hawn sejra terga' taghmel referenza ghal bran iehor mid-deposizzjoni ta' Raymond Abela (Seduta tad-19 ta' April, 2005), fejn, dan ix-xhud, *inter alia*, qal: "Nghid illi fit-22 ta' Lulju 2004 dakinhar kelli xi citazzjonijiet fuq karozza ohra li kelli nhallashom fit-Tribunal tal-Mosta. <u>Jiena mort inhallashom</u>, jien tlajt fuq." "……………………." "Jien indunajt li ma kellix flus fuqi u ghalhekk mort l-ufficcju tieghi tan-Naxxar li ma kienx 'il boghod minn fejn kont qieghed u ghalhekk mort l-ufficcju tieghi." (Sottolinjar tal-Qorti).

Il-Qorti hawn tirrimarka li taraha, "a dir il meno" stramba li Raymond Abela mar il-Kunsill Lokali bl-iskop li jhallas il-multi imbaghad meta jmur hemm jinduna li ma kellux flus fuqu!

Hawn il-Qorti tosserva li t-tlett citazzjonijiet esebiti mix-xhud Raymond Abela fis-Seduta tad-19 ta' April 2005 rispetivament mmarkati bhala Dok AR 2, Dok AR 3 u Dok AR 4 u li dwarhom l-imputat fl-imsemmija deposizzjoni tieghu qal: "Qed nesebixxi fotokopji ta' tlett citazzjonijiet li jien kelli nhallas dakinhar", huma mahruga f'isem Charmaine Abela vettura: EAV 042 Ford tas-Seduta Tribunal Lokali Mosta, Centru Civiku Mosta, Triq il-Kostituzzjoni, Mosta fi 22/Jul/2004 fi 01:15PM, fi 02:00PM u fi 01:15PM rispettivament.

Il-Qorti sejra ukoll ticcita bran mill-Okkorrenza Dok SA 1 li tghid b'referenza ghal Raymond Abela: "He was also questioned why he went at the Tribunal were he stated that his ex-wife had sent him a letter with a copy of the Summons thus he went to contest the TOT'S". (Sottolinjar tal-Qorti).

Hawn il-Qorti tirrimarka li jemergi dubju serju jekk fil-fatt ix-xhud Raymond Abela marx tassew il-Kunsill Lokali biex ihallas il-multi li hargu f'isem l-ex martu u cioe` l-imputata jew inkella mar hemm ghax kien jaf bil-possibilta` li setgha jkun hemm l-imputata presenti biex hi tikkontesta l-multi!

Dwar il-kwistjoni tal-kredibilita` tax-xhud Raymond Abela, il-Qorti sejra ticcita wkoll bran mill-kontro-ezami tal-istess xhud (Seduta tad-19 ta' April, 2005): "Jiena nikkonferma li f'din l-okkazjoni, l-ewwel darba li rajt lill-imputata kienet mat-tifla taghna u din kienet qed tippassigga hdejn il-knisja tal-Mosta, dan jien u gej bil-karozza sejjer biex nipparkja biex immur ghat-Tribunal. Dwar dan id-difiza qed tistaqsini allura kif jirrizulta mill-okkorrenza illi jien lill-mara rajtha bit-tifla taghna hdejn l-ispizerija fejn jien mort nigbed il-flus nghid illi sussegwentement nghid illi l-verzjoni tajba hija dik li jien rajt lill-mara l-ewwel darba dakinhar bit-tifla jien u sejjer bil-karozza biex nipparkja halli mmur il-Kunsill Lokali u l-mara kienet qeghda hdejn tippassigga hdejn il-knisja tal-Mosta".

F'dan ir-rigward il-Qorti ticcita bran mill-Okkorrenza tal-Pulizija Dok SA 1 b'referenza ghal Raymond Abela: "He explained that he was at the tribunal and spoke to a certain Ray afterwards he went to get some money and it was there that he saw his ex-wife near the pharmacy with their daughter and then he saw her alone in the parking area scratching his vehicle."

Il-Qorti hawn sejra ticcita, pjuttost estensivament, mid-deposizzjoni tal-imputata Charmaine Abela moghtija fit-13 ta' Settembru, 2005 fejn din, *inter alia*, qalet:

"Jien kont ktibt ittra registrata lill-zewgi biex huwa nistaqsih jekk hux kien ser ihallas dawn ic-citazzjonijiet u

hu irrispondieni li le u qalli li jekk irrid nikkontestahom. Fil-fatt fid-data tat-22 ta' Lulju tas-sena 2004 jien kont qeghda l-Kunsill Lokali proprju biex nikkontesta xi citazzjonijiet minn dawn. Nghid illi jien il-Kunsill tal-Mosta kont spjegajtilhom digs` is-sitwazzjoni dwar din il-karozza u li kienet qed tigi uzata minn zewgi u li kien qed juza ghal kumpanija tieghu TCTC li fil-fatt nghid illi kien hemm hafna *advertisements* fuq din il-karozza li jadvertajsjaw lil TCTC u nzid nghid illi f'dawk iz-zminijiet zewgi ma kienx qieghed jaghtini manteniment u fil-fatt kien hemm kazijiet quddiem magistrate dwar dan in-nuqqas ta' dan il-manteniment. Nghid illi jien b'referenza ghat-22 ta' Lulju 2004, kont mort b'korrispondenza biex tlajt fl-ufficcju tal-Kunsill fuq u kif tlajt fuq kien hemm kamra nies mimlija u mieghi kelli lil binti z-zghira Shannon. Dak il-hin it-tifla l-ohra, Kylie kienet qeghda l-art lessons il-Belt. Kellha fil-fatt tigborha ohti. Nghid illi jien fil-fatt meta rajt dawk in-nies kollha habbat bieb u hareg jidhirli *warden* pero` m'inix certa jekk kienx *warden* u spjegajtlu li jien kont diga` bghattilhom l-korrispondenza biex nurihom li l-karozza ma kenitx qeghda fil-pussess tieghi u ghalhekk staqsejtu jekk kellix noqghod wara dawk in-nies kollha u dan irrispondieni li jien kelli xi kawza fis-siegha (1pm) u kelli xi kawza ohra jidhirli fis-siegha u nofs jew fis-saghtejn ta' wara nofsinhar (1.30pm – 2pm) u qalli li ghalhekk jien kelli noqghod nistenna. Peress li binti li kelli mieghi kellha sitt (6) snin din ma kenitx ser toqghod hemmhekk dak il-hin u ghalhekk staqsejtu jekk stajtx nilhaq immur jien san-Naxxar biex niehu lil binti ghand ohti li tkun diga` giet lura bit-tifla l-ohra u zzommli z-zghira ukoll. Meta qaltli li stajt naghmel hekk, hekk ghamilt. Nghid illi jien fin-nofs siegha (12.30pm) tlaqt mill-Kunsill Lokali u nghid illi fis-siegha neqsin kwart (12.45pm) kont ergajt lura fil-Kunsill Lokali. Jien meta ergajt gejt lura pparkjajt fejn Stelle Alpine li qieghed vicin hafna tal-Kunsill u jien tlajt fuq u ma ccaqlaqtx minn hemm. Fil-frattemp bdew jissejhu n-nies u ghalhekk in-nies bdew jonqsu mill-kamra u lili kienu ghadhom m'ghajtulix u kien ghad fadal xi tlieta, jew erbgha (3-4) min-nies. Ghal habta tas-siegha ta' wara nofsinhar (1pm) nixtieq hawn nispjega illi infetah il-lift u sibt lil zewgi quddiem wicci. Huwa kien liebes suit griza cara u qmis u niftakar li huwa imbaghad dahal fil-kamra

ta’ faccata fejn ihallsu ic-citazzjonijiet. Jien bghatt messagg lill-ohti u ktibt fil-messagg x’kien qed jaghmel zewgi hemm u ohti baghtitli messagg lura bil-mobile u qaltli biex jien lilu ma nkellmux, u biex jien noqghod fejn in-nies. Jien ghamilt hekk li bghatt dan il-messagg ghaliex jien peress illi zewgi din ma kenitx l-ewwel okkazjoni li qala’ incidenti li imbaghad kienu ta’ natura fittizji nghid illi allura xtaqt illi dejjem ikun hemm xi hadd mieghi u allura bghatt dan il-messagg lill-ohti. Fil-fatt dejjem nipprova u nghid illi jkolli lil xi hadd tal-familja mieghi anke meta nigi l-qorti u dakinhar inzertajt illi kienet okkazjoni fejn kont qeghda wahdi. Nghid illi imbaghad ir-ragel tieghi wara rajtu li kien hareg u kien nizel bil-lift. Nghid ilil fil-fatt dan qabad u rega’ tela’ u kif rajt hekk jien bghatt messagg iehor lill-ohti u ghidtilha dan x’inhu mignun, nizel u rega’ tela’. Imbaghad nghid ukoll illi meta huwa rega’ tela’ ta daqqa t’ghajn madwaru u rega’ nizel pero` din id-darba nizel bit-tarag u nghid illi jien qghadt kwieta hemmhekk nistenna n-nies jonqsu u fil-fatt kif kien ghad fadal biss xi erbgha (4) min-nies nghid illi imbaghad tela’ pulizija minn isfel u staqsieni jekk hux jien Charmaine u qalli li riedu jkellmuni u qalli li wara li nlesti minn hemmhekk riedu jkellmuni isfel. Jien l-ewwel reazzjoni tieghi kienet illi staqsejt lill-pulizija x’gara u fuq hiex u dan irrispondieni ghaliex jien kont braxt il-karozza ta’ l-ex ragel tieghi. Qalli li kien hemm girfa fuq il-karozza tieghu u jien dak il-hin dort fuq in-nies li kien ghad fadal, u lil dawn in-nies ghidtilhom jekk hux minnu u biex jikkonfermaw illi jien il-hin kollu kont hemmhekk u ma kontx iccaqlaqt minn hemm u imbaghad jien bdejt nibki u kien hemm wiehed li tani l-particulars tieghu u qalli li kien lest illi jixhed. Jien ma kontx iccaqlaqt minn hemm. Jien imbaghad nghid illi wara gejt interrogat f’xi zewg okkazjonijiet mill-pulizija u jien dejjem chadt li jien ghamilt din il-barxa fuq din il-karozza u fil-fatt nghid illi zgur illi jien ma ghamilthiex din il-barxa fuq il-karozza. Tant hu hekk illi dakinhar lanqas naf b’liema karozza kien ir-ragel tieghi jew fejn kienet ipparkjata din il-karozza tieghu. B’referenza ghall-karozza indikata fl-akkuza u cioe` l-karozza bin-numru ta’ registrazzjoni RKS 003 ta’ l-ghamla Peugeot 206 ta’ kulur iswed nghid illi din il-karozza kien harigha meta kien telaq mid-dar pero` bil-flus tal-komunjoni ta’ l-akkwisti pero`

ghalkemm hu kien xtara din il-karozza, il-karozza kien ghamilha fuq isem ommu. Din il-karozza hija ta' valur ta' madwar tnax-il elf lira (Lm12,000) u din kien hallasha *cash*. Nghid illi dwar din il-karozza hemm proceduri civili u nixtieq inzid nghid illi jien mhux fl-interess tieghi illi nobrox karozza li nofsha tappartjeni lili. Nghid illi jien nikkonferma bil-gurament tieghi illi jien din il-karozza RKS 003 ta' l-ghamla Peugoet 206 ta' kulur iswed, fid-data indikata tat-22 ta' Lulju 2004 jien din il-karozza ma kontx braxtha u nghid illi fil-fatt din il-karozza jien qatt ma braxtha."

B'referenza ghad-deposizzjoni tal-imputata estensivament riportata hawn fuq, il-Qorti tosserva li l-imputata b'mod kategoriku innegat li hi qatt barxet il-karozza Peugeot 206 Reg. No. RKS 003.

Fl-istess deposizzjoni l-imputata sostniet illi fis-siegha neqsin kwart (12.45pm) kienet regghet lura fil-Kunsill Lokali u li ma iccaqalqitx minn hemm. Dan ifisser li allura ma setghetx barxet il-karozza imsemmija fl-akkuza fis-1.10pm skond kif sostna ix-xhud Raymond Abela.

Hawn il-Qorti taghmel referenza ghall-bran mill-okkorrenza tal-Pulizija (Dok SA 1) fejn hemm imnizzel: "On being questioned she stated that she never moved from the Tribunal and infact a person Johann Micallef listed as witness came forward to the police and confirmed that Charmaine Abela was there prior 13hrs and she was always seated near him awaiting to be called inside the Hall".

Mehuda in konsiderazzjoni l-verzjonijiet moghtija mix-xhud Raymond Abela u mill-imputata Charmaine Abela f'dak li xehdu, rigward liema deposizzjonijiet il-Qorti kellha l-opportunita tezamina id-diportiment tax-xhud Raymond Abela u dik tal-imputata u fid-dawl tas-suespost, il-Qorti hi tal-fehma li jemergu dubji serji dwar il-kredibilita` tal-verzjoni moghtija mix-xhud Raymond Abela u li dan jikkrea dubju ragjonevoli dwar is-sussistenza tal-akkuza migjuba kontra l-imputata, liema dubju ghandu jmur favur l-imputata.

Ghalhekk il-Qorti ma ssibx lill-imputata Charmaine Abela hatja tal-akkuza migjuba kontra taghha u minnha tilliberaha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------